# JUNIOR LYCEUMS ANNUAL EXAMINATIONS 2000

Educational Assessment Unit - Education Division

| FORM 4 | RELIGION | Time: 1 ½ hours |
|---|---|---|

Name ____________________ Class ____________

## L-EWWEL SEZZJONI

1. Semmi tnejn mir-reliġjonijiet kbar tad-dinja.

   a) ____________________

   b) ____________________

2. Semmi żewġ ħwejjeġ li jistgħu jtellfu liż-żgħażagħ fil-prattika tar-reliġjon.

   a) ____________________

   b) ____________________

3. Min kien l-ewwel bniedem li qaleb il-Bibbja shiha fl-ilsien Malti mill-ilsna oriġinali?

   ____________________

4. Semmi għaqda Maltija li qiegħda taħdem ħafna favur it-tixrid tal-Bibbja f'pajjiżna.

   ____________________

5. F'liema parti tal-Bibbja nsibu l-'Għanja tal-Ħolqien'?

   ____________________

6. X'tifhem bil-kelma 'kotba apokrifi'?

   ____________________

7. a) Liema kienet l-akbar traġedja li qatt laqtet lill-bniedem?

   ____________________

   b) Semmi żewġ konsegwenzi ta' din it-traġedja.

   ____________________

8. a) Liema hu l-Jum Nazzjonali għal-Lhud?

   ____________________

   b) Kif jiċċelebraw dan il-jum?

   ____________________

9. Ġesù għalfejn waqqaf il-Knisja qabel tela' s-sema?

   ____________________

10 Agħti eżempju kif aħna, bħala nsara, nistgħu ngħinu biex nagħmlu dinja aħjar.

   ____________________

(24 marka)

## IT-TIENI SESSJONI

1. Agħżel bejn dawn il-kotba tal-Bibbja u qassamhom bejn dawk tat-Testment il-Qadim u dawk tat-Testment il-Ġdid..

| |
|---|
| ESODU - ATTI TA' L-APPOSTLI - RUMANI - SALMI - IMĦALLFIN |
| SLATEN - APOKALISSI - S. ĠWANN - ISAIJA - 1 PIETRU |

| **Testment il-Qadim** | **Testment il-Ġdid** |
|---|---|
| ______ | ______ |
| ______ | ______ |
| ______ | ______ |
| ______ | ______ |
| ______ | ______ |
| ______ | ______ |

(10 marki)

2. Fil-ħajja tiegħu Ġesù wera li hu kien aktar minn bniedem. Semmi erba' (4) eżempji fejn Huwa juri dan.

a) ______________________________

______________________________

b) ______________________________

______________________________

c) ______________________________

______________________________

d) ______________________________

______________________________

(16-il marka)

## IT-TIELET SESSJONI

## Agħżel TNEJN u weġibhom fit-tul:

1. **Is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni (QRAR) hu Sagrament ta' paċi u qawmien mill-ġdid.**
   a) Ma' min issir ir-rikonċiljazzjoni fis-sagrament tal-Qrar?
   b) Semmi erba' mill-kundizzjonijiet li Ġesù jistenna minna biex nistgħu nilqgħu l-maħfra ta' Alla.
   c) Irrakkonta l-parabbola tal-Fariżew u l-Publikan JEW tal-Qaddej li ma Jaħfirx u għid x'tagħlima tagħtina dwar il-Qrar.

2. **Aħna nafu li l-bniedem, minn żmien imbiegħed, ħass li hemm xi ħadd 'il fuq minn kull ħlejqa oħra. Għalhekk il-bniedem beda jiżviluppa 'reliġjon' li permezz tagħha seta' jikkomunika ma' dan ix-Xi Ħadd li huwa Alla.**
   a) Agħti żewġ raġunijiet biex turi li anke llum ir-Reliġjon hija bżonn fil-ħajja tagħna?
   a) X'tifhem bil-kelma 'superstizzjoni' Agħti żewġ eżempji ta' superstizzjoni.
   b) Ikteb fil-qosor il-ħajja ta' persuna li għexet il-Fidi tagħha u sabet is-sens ta' ħajjitha f'Ġesù .

3. **Il-Bibbja hija l-aqwa 'best-seller' ta' kull żmien. Il-Bibbja twasslilna l-messaġġ ta' mħabba ta' Alla għalina l-bnedmin.**
   a) Min huma l-awturi tal-Bibbja.
   b) Għaliex il-Bibbja hija ktieb bla żbalji?
   c) Min għandu l-awtorità minn Alla biex ifisser sewwa l-Bibbja?
   d) Għaliex aħna għandna nersqu lejn il-Bibbja :
      - bi spirtu ta' qima
      - bi spirtu ta' smiegħ
      - b' qalb miftuħa
      - F'rabta ma' ħajjitna?

Ikompli wara

4. **Fost tant bnedmin importanti li dehru fid-dinja, Ġesù huwa l-aktar wiehed maghruf fl-istorja tal-bniedem.**

   a) Semmi TLIET dokumenti li jagħtu prova li Ġesù tassew eżista bħala bniedem.

   b) Ikteb fil-qosor TLIET ġrajjiet mill-Evanġelji li juru li Ġesù kien tassew bniedem.

   c) Alla l-Missier qalilna "Dan hu Ibni l-għażiż. Isimgħu lilu". Fisser kif inti tista' bħala żagħżugħ/żagħżugħa tisma' u tilqa' lil Ġesù f'ħajtek.

5. **Ġesù waqqaf il-Knisja tiegħu biex tkun 'Il-Poplu l-Ġdid ta'** Alla',

   a) X'inhi l-Knisja fil-ħsieb ta' Ġesù ?

   b) Liema huma l-ħidmiet speċjali tal-Knisja?

   c) Nistgħu ngħidu kliem bħal: 'Jiena nemmen fi Kristu imma ma nemminx fil-Knisja' jew 'Jiena nitlob waħdi imma l-knisja ma mmurx'? Għaliex?

(50 marka)